# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) INFERJURI

## MAGISTRAT DOTTOR PAUL COPPINI LL.D.

### Seduta ta' nhar iT-Tlieta 5 ta' Gunju, 2001 .

### Avviz Numru : 15/01G2(PC)

**Randolph Camilleri Surveys Limited .**

**VS**

**Cini (Tal-Mija) Limited .**

**Il-Qorti ;**

**Rat l-avviz li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet lis-socjeta' konvenuta tghid ghaliex ma ghandhiex tigi kkundannata minn din il-Qorti li thallas is-somma ta' hames mija, erbgha u ghoxrin lira Maltija u erbghin centezmu (Lm524.40) rapprezentanti drittijiet u spejjez professjonali dovuti ghas-servizz ta' "land surveying" provdut lill-kumpanija konvenuta fuq ordni taghha stess .**

**Bl-ispejjez u bl-imghax legali mid-data tal-Invoice sal-pagament effettiv kontra l-kumpanija konvenuta minn issa ngunta ghas-subizzjoni .**

**Rat id-dokumenti annessi ma' l-istess avviz, u cioe' kont rilaxxjat mill-istess socjeta' attrici w indirizzata lis-socjeta' konvenuta, li minnu jirrizulta l-ammont mitlub fl-avviz .**

**Rat ukoll il-verbal tad-difensuri tal-partijiet maghmul illum stess, fejn dawna qablu li l-mertu mitlub f'din il-kawza llum jinsab saldat, peress illi sar pagament fil-mori tal-kawza, u baqa' biss il-kustjoni dwar il-kap ta' l-ispejjez .**

**Il-Qorti, ghal hekk, tiddecidi dwar il-kap ta' l-ispejjez, u peress illi ma jirrizultax illi s-socjeta' konvenuta kienet gustifikata fl-oppozizzjoni taghha illi ma taghmilx il-pagament dovut, billi tiddecidi dwar il-kap ta' l-ispejjez, li dan ghandu jithallas mis-socjeta' konvenuta, flimkien**

**ma’ l-imghaxijiet legali fuq l-ammont mitlub fl-avviz, mid-data tal-hrug ta’ l-invoice esebit fl-avviz, sad-data tal-pagament illi sar fil-mori tal-kawza, kollox kontra l-istess socjeta’ konvenuta .**

**(ft) Paul Coppini**
**Magistrat .**

**(ft) Francis Attard**
**Deputat Registratur**

**Vera Kopja**

**Ghar-Registratur .**

Si1501Pc